**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs.**

**Carmel Buttigieg**

Numru: 527/2004

Illum 12 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Carmel Buttigieg**, ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben Bartholomew sive Robert u Mary neé Mallia, imwieled Sliema fl-10 ta' Dicembru 1960, li joqghod fil-fond bl-isem "Ir-Razzett ta' Samuel", Tal-Hrieri, limiti tas-Siggiewi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 13361(M),

akkuzat talli fil-25 ta' Settembru 1996 u fix-xhur ta' wara din id-data:

1. halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat, jew quddiem ufficjal iehor li jkollu setgha b'Ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mil-Ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta, bi ksur tal-Artikolu 108(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ta xhieda falz f'materja civili bi ksur tal-Artikolu 106(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "AG" – *a fol.* 23).

Rat illi, fil-21 ta' Novembru 2013, din il-Qorti kif diversament preseduta aggornat il-kawza *sine die stante* li l-imputat ma setghax jinstab (*a fol.* 310).

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 311 *et seq.*).**

Rat illi, permezz ta' Rikorsipprezentat mill-Prosekuzzjoni fil-11 ta' April 2017 (*a fol.* 315 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni talbet li l-kawza terga' tigi ri-appuntata, liema talba giet milqugha permezz ta' Digriet moghti fid-19 ta' April 2017 (*a fol.* 317).

Semghet, fis-seduti tal-5 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 318) u tat-30 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 320) lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhud mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 346), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 346), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-7 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 347 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 351 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Carmelo Magri** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn qal li gie delegat biex jinvestiga kaz ta' gurament falz u xiehda falza wara li l-Imhallef Joseph R. Micallef kien ta sentenza fil-konfront tal-imputat fid-29 ta' Jannar 2004. Jispjega li gab kopja tal-process imsemmi sabiex jara x'kien hemm fih u jghid li baghat ghall-imputat li rrilaxxa stqarrija. Spjega xi staqsa lill-imputat u x'inghad mill-imputat fir-rigward tal-mistoqsijiet maghmula lilu. Jixhed li in segwitu tas-sentenza moghtija mill-Imhallef Joseph R. Micallef u minn ordnijiet moghtija mis-superjuri tieghu, gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat. Ezebixxa, fost l-ohrajn, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "CB" – *a fol.* 20 *et seq.*), il-fedina penali tal-imputat (Dok. "AG 1" – *a fol.* 24) u kif ukoll vera kopja tal-process civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Lia vs. Carmel Buttigieg** (Dok. "A" – *a fol.* 26 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> ghad-domanda jekk l-imputat baqax jichad l-involviment tieghu f'kull mod, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006, xehed **Joseph Gaffiero** (*a fol.* 212 *et seq.*) fejn wara li gie muri r-relazzjoni ezebita fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Joseph Lia vs. Carmel Buttigieg** (Citazz. Nru. 2740/96) (*a*

*fol.* 66 *et seq.*), ikkonferma li din hija r-relazzjoni li hejja hu. Jghid li l-firma li tidher fuq il-kambjala hija ta' Carmel Buttigieg.

**Joseph Gaffiero** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' April 2008 (*a fol.* 249 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006. Mitlub mill-Prosekuzzjoni jghid jekk hux qed jaghraf lill-imputat fl-awla, wiegeb: *"Minn 1997 'l hawn le ma naghrfux illum"* (*a fol.* 250).

Illi, fil-25 ta' Jannar 2007, gie ezebiet il-process originali tal-kawza fl-ismijiet **Joseph Lia vs. Carmel Buttigieg** (Citazz. Nru. 2740/96) (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2007, xehed **Joseph Vella** (*a fol.* 218 *et seq.*) fejn spjega li kien sejjahlu Joseph Lia li jghid li huwa importatur tal-vetturi Subaru u li l-imputat xtara Subaru Legacy u ghaliha kien iffirma kambjala ta' madwar Lm5000 u peress li l-imputat ma kienx qed ihallas, kienu ittiehdu proceduri legali fil-konfront tieghu li gew decizi, f'liema proceduri l-imputat beda jghid li l-firma fuq il-kambjala ma kinitx tieghu mentri l-esperti qalu li kienet tieghu. Jghid li jaf ukoll li l-Imhallef li ddecieda l-kawza talab lill-Pulizija biex jiehdu passi kriminali kontra l-imputat fuq gurament falz. Mistoqsi jghid x'ghandu xi jghid dwar il-firma fuq il-kambjala, jghid li dik hija tal-imputat peress li meta ffirma l-imputat, hu (Joseph Vella) kien prezenti. Meta giet murija lilu l-kambjala (*a fol.* 34)[1], jghid li din imlieha hu u li saret fil-25 ta' Ottubru 1991 ghall-ammont ta' Lm4600 u li l-imputat ffirma quddiemu. Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta jekk hux cert minn dan, wiegeb: *"Certissimu"* (*a fol.* 222). Fuq il-kambjala gharaf il-kalligrafija tieghu (ta' Joseph Vella). Jghid li wara li nqatghat is-sentenza, l-imputat beda jhallas xi haga tant li, jekk mhux sejjer zball, l-imputat diga hallas Lm2000, pero' mhux cert.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ghandu tmienja u sebghin sena. Mistoqsi jghid jekk fid-ditta fejn hemm is-Subaru hemmx *Accounts Department* jghid li hu kien imur meta kien jaghmel dan ix-xoghol.

[1] L-original tinsab *a fol.* 343.

Jghid li hu (Vella) ma kienx jahdem ma' Joseph Lia pero' jghid li meta kien ikun hemm bzonnu, hafna drabi kienu jsibuh. Jaf li l-imputat huwa negozjant tal-vetturi. Mistoqsi jghid jekk jafx li l-imputat kellu arrangement ma' Lia, wiegeb li ma jafx.

Ghad-domanda: *"Issa s-Sinjur taf li biegh iktar min 20 karozza u kellu jiehu commission minn ghand is-Sur Lia?"* (*a fol.* 228), wiegeb: *"Is-Sinjur skond l-invoices ghandu miktub li ghandu Lm2000 minn dak l-ammont li kienet tqum il-karozza li huwa commission"* (*a fol.* 228).

Avukat: *"Biegh karozzi u ghandu commission u dik il-kambjala effettivament hija fazulla. Ghall-affarijiet interni taghkom xi tghid?"* (*a fol.* 229).

Xhud: *"Le ma jonqoshom xejn. Jekk il-karozza kienet tqum Lm7000 jew kemm kienet tqum, saret ir-reduction ta' Lm2000 ghax forsi hu, anzi jiena ha nghidha kif inhi, ghamiltha li biegh xi 20 karozza bis-sahha tieghu meta mhux daqshekk, wara kont iccekkjajt"* (*a fol.* 229).

[…]

Xhud: *"Kif ghidltek dan jiena kkalkulajt li biegh 20 karozza avolja ma bieghx daqshekk"* (*a fol.* 229).

Ghad-domanda tal-Qorti diversament preseduta kemm il-kambjala saret meta nbieghet il-vettura partikolari, wiegeb li saret wahda biss, u mistoqsi ghala, wiegeb: *"Ghax bejn, per ezempju, konna naghtu l-libeta' ta' l-individwu biex jekk irid ihallas wara xahar ihallas, jekk irid wara tliet xhur ihallas u dejjem jingabru l-interessi skond l-interest accrued li jkun hemm sakemm ihallas minn ammont ghal iehor"* (*a fol.* 238). Ghad-domanda tal-Qorti diversament preseduta x'kienet ir-raguni ghala saret kambjala wahda meta s-soltu l-kambjali jigu spezzettati, wiegeb: *"Ghax stennejna forsi li jhallas kollox f'salt"* (*a fol.* 238). Jghid li hadu l-passi legali meta raw li l-kambjala kienet ser tiskadi. Jghid li ghamel xi zmien l-iSptar. Jispjega pero' li l-kambjali li ghamel hu ried li jigu ffirmati quddiemu. Jishaq li f'kaz ta' kambjala li ma kinitx tkun iffirmata quddiemu, hu kien inizzel nota li dan ma sarx quddiemu.

**Joseph Vella** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009 (*a fol.* 267 *et seq.*) fejn gie mistoqsi fuq il-kuntratt tal-bejgh tal-vettura qal li din inbieghet fil-25 ta' Ottubru 1991 bil-prezz ta' Lm4130 u ma' dan il-prezz riedu jizdiedu r-*registration cards*, licenzja, *inland revenue* ecc. Jghid li meta sar dan il-kuntratt kienet saret kambjala. Meta gie muri l-kambjala li tinsab *a fol.* 34[2], qal li jiftakar li l-imputat ried jiehu l-vettura minn ghand Joseph Lia u Joseph Lia ghajjat lilu (lil Vella) li kien ser jaghtih il-vettura u hu (Vella) ghamel il-kambjala u l-imputat iffirma quddiemu (quddiem Vella). Jghid li fuq il-kambjala qed jara l-firma tal-imputat u ta' Joseph Lia. Mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta jekk din gietx iffirmata quddiemu, wiegeb: *"Quddiemi giet iffirmata u minn dak jiena nassigurak"* (*a fol.* 268). Ezebixxa kopja tal-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. "JV" (*a fol.* 270).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2008, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 252 *et seq.*) fejn filwaqt li saritlu riferenza ghall-kawza civili fl-ismijiet **Joseph Lia vs. Carmel Buttigieg**, qal li flimkien ma' Ivan Formosa kienu gew appuntati bhala Periti Perizjuri u li eventwalment ittiehdu provedimenti biex il-perizja perizjuri ssir b'perit wiehed biss. Gharaf lill-imputat fl-awla fejn qal li ssejjhu diversi seduti u li l-imputat attenda wahda biss minnhom. Jghid li r-rapport tieghu gie ntaxxat u li minkejja li kien hemm depozitu fir-Registru tal-Qorti, il-bilanc baqa' ma thallasx u r-rapport xorta gie pprezentat. Jixhed: *"peress li Carmel Buttigieg ma telax biex jaghti l-kampjun tal-firem, sar Rikors lill-Imhallef biex nara jekk nahdimx fuq il-kampjuni tal-firem li kien ha s-Sur Gaffiero, akkorda dak ir-Rikors. Jien ghamilt l-analizi fuq dak u rrizulta li l-istess konkluzjonijiet li kien ta s-Sur Gaffiero"* (*a fol.* 253). Ikkonferma li r-relazzjoni li pprezenta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija dik li tinsab *a fol.* 142 *et seq.*. Ikkonferma li l-firma fuq il-kambjala hija dik ta' Carmel Buttigieg.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009, xehed **Joe Lia** (*a fol.* 261 *et seq.*) fejn spjega li wiehed min-negozji tieghu huwa agent fejn ibiegh il-vetturi Subaru. Jghid li issa n-negozju huwa fuq ismu Joe Lia u li qabel kien jismu Francis X Lia Subaru Agency. Jghid li lill-imputat

[2] Ara *footnote* 1.

jafu u jghid li l-imputat xtara vettura Subaru Legacy minn ghandu fit-23 ta' Ottubru 1991 ghax-*showroom price* ta' Lm4130 u kien imur ghandu (Joe Lia ghand l-imputat) u kien jghidlu li kien ser ihallsu. Mitlub mill-Qorti diversament preseduta kemm hallsu l-imputat, wiegeb: *"Ma gibtx x'hallas fuqha u ma niftakarx jekk ma tax down payment. Halli nara. Iva issa qed niftakar. Dak dak iz-zmien hu kellu showroom ukoll u kont tajtu xi karozzi biex ibieghhomli u konna ftehmna verbally li naghtih Lm100 fuq kull karozza"* (*a fol.* 263). Jghid li dokumenti bejniethom ma hemm xejn. Jixhed li kien mar ghand l-imputat hafna drabi *"biex ihallasna tal-kumplament ghax il-karozzi li bghelna hu huma hafna inqas minn Lm4130 tas-Subaru"* (*a fol.* 264). Jghid li mbaghad fethu kawza l-Qorti li ntrebhet ghax minkejja li l-imputat beda jghid li l-firma fuq il-kambjala ma kinitx tieghu, il-firma kienet tieghu (tal-imputat) *"ghax rajtha jien stess, certissimu"* (*a fol.* 264). Mistoqsi jghid jekk meta giet iffirmata l-kambjala, hu (Lia) kienx prezenti jew le, wiegeb: *"Le, le quddiem Joe Vella giet iffirmata. Jiena kont rajtu diehel, dahal gewwa ghax ma' l-ufficju hemm speci ta' waiting room u hdejhom kont, diehel u hiereg u dan is-Sur Buttigieg qalli kemm-il darba, qalli "gej nhar l-Erbgha", "gej ghada filghodu nhallas" u x'naf jiena u qatt ma gie. Imbaghad darba minnhom morna bhas-soltu u qalli "ma rridx inhallsek". Qalli "jekk trid tellghani l-Qorti". Imbaghad darba minnhom din tal-kambjala, gie jibki insomma, qalli "skuzani", skuza ruhu u kien hallas u jiena kont la darba kien qed ihallas, kont lest li nixhed illi, suggeriment jigifieri, mhux ser nindahal lill-Qorti jiena, illi mhux fl-interess tal-Qorti illi tkompli l-kawza. U dan l-ahhar issa rega' waqaf ihallas"* (*a fol.* 265).

**Joe Lia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009 (*a fol.* 271) fejn meta gie muri dokument li jinsab *a fol.* 34[3], qal li fuq din il-kambjala jara l-firma tieghu u dik ta' Buttigieg. Mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta quddiem min giet iffirmata din il-kambjala, wiegeb: *"Din quddiem Joe Vella nahseb. Miniex cert hix tieghi ghax dan 17-il sena ilu"* (*a fol.* 272). Mistoqsi mill-Qorti diversament preseduta jekk hux cert li l-firma hijiex tieghu jew le, wiegeb: *"Le miniex cert ghax din 18-il sena ilu. Il-kitba kitibha nahseb Joe Vella din. Ghax hu kien jghini hafna u jiktibli hafna karti. Probabbli tieghi din. Zgur tieghi din"* (*a fol.* 272).

[3] Ara *footnote* 1.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, xehed **Stephen Cachia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 325) fejn qal li minn ricerka li saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni U4166 irrizulta li l-vettura hija tal-ghamla Subaru Legacy ta' kulur *beige*, liema vettura hija registrata fuq Carmelo Buttigieg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 13361(M), u ilha hekk registrata mill-25 ta' Ottubru 1991. Jghid li fil-31 ta' Ottubru 1997, in-numru ta' registrazzjoni nbidel ghal DBC 858. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 326 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2019, xehdet **Dr. Juliana Scerri Ferrante** (*a fol.* 341 *et seq.*) fejn filwaqt li ghamlet riferenza ghan-nomina taghha tal-21 ta' Marzu 2007, irritornat lura l-kambjala originali (Dok. "JSF 1" – *a fol.* 343) u ezebiet ir-rapport redatt minnha, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JSF 2" (*Envelope Loose*).

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-imputat irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fit-3 ta' Mejju 2004 (Dok. "CB" – *a fol.* 20 *et seq.*) minghajr ma gie moghti d-dritt li jiehu parir legali jew li jkollu avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija, u minkejja l-gurisprudenza l-aktar ricenti f'dan ir-rigward, fis-sottomissjonijiet finali taghha bil-fomm id-difiza nfurmat lill-Qorti li din l-istqarrija ma kellhiex tigi skartata mill-Qorti. Jirrizulta li f'din l-istqarrija, l-imputat ikkonferma li l-kawza civili kellha x'taqsam ma' hlas ta' kambjala ta' Lm4600 li kienet tirrigwarda Subaru Legacy. Meta nghad lilu li fil-proceduri civili Joseph Vella qal li hu (l-imputat) kien iffirma din il-kambjala fil-prezenza tieghu, wiegeb: *"Mhux veru jien ma ffirmajt l-ebda kambjala. Dik ghamluha huma jew Joe Lia jew Joseph Vella xi hadd minnhom"* (*a fol.* 21). Tul l-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat kompla jichad li l-firma kienet tieghu. Qal ukoll: *"Jien qatt ma ffirmajt kambjali. Il-logika tghidlek li ma jinbieghux karozzi godda bil-valur propju taghhom bla interessi fuq kambjala wahda"* (*a fol.* 22). Ghad-domanda: *"Mela ghal din ir-raguni qieghed tichad li ffirmajt il-kambjala?"* (*a fol.* 22), wiegeb: *"Le ghax jien qatt ma ffirmajt kambjala"* (*a fol.* 22).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice.*

*If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat gew intavolati in segwitu ta' kawza civili maghrufa bhala gilljotina, liema kawza kienet tikkoncerna hlas ta' kambjala li baqghet ma thallsitx u liema kawza giet miftuha minn certu Joseph Lia kontra Carmel Buttigieg, cioé l-imputat fil-kawza odjerna. Is-sentenza ta' din il-kawza civili giet moghtija fid-29 ta' Jannar 2004, f'liema sentenza gie deciz, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "Tiddeciedi li l-imharrek [cioé l-imputat fil-kawza odjerna] xehed falz f'din il-kawza meta qal li l-firma tal-accettant fuq il-kambjala ma kinitx tieghu, u, ghall-finijiet tal-Artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lir-Registratur sabiex jibghat minnufih kopja tal-atti tal-kawza lill-Qorti tal-Magistrati sabiex jitmexxa l-procediment skond il-ligi" (*a fol.* 105 tal-process civili originali – *Envelope Loose*).

Illi ghandu jinghad li fil-kawza civili hawn fuq imsemmija l-konvenut, ossia l-imputat tal-kawza odjerna, cahad li firma li kienet tidher bhala tieghu fuq il-kambjala in kwistjoni kienet effettivament tieghu. Dan jirrizulta kemm f'depozizzjoni li huwa ta quddiem il-Qorti meta gie msejjah mill-istess Qorti biex jixhed (*a fol.* 10 tal-process civili originali [*Envelope Loose*] u *a fol.* 41 tal-process), liema depozizzjoni jirrizulta li ttiehdet bil-gurament, u kif ukoll fid-dikjarazzjoni annessa man-Nota ta' Eccezzjonijiet (*a fol.* 16 tal-process civili originali [*Envelope Loose*] u *a fol.* 47), liema dikjarazzjoni giet guramentata quddiem Deputat Registratur.

Illi ghandu jinghad li minkejja li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, fl-istqarrija (Dok.

"CB" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, li l-Qorti giet mistiedna mid-difiza sabiex tiehu konjizzjoni taghha kif inghad aktar il-fuq f'din is-sentenza u dana minkejja l-gurisprudenza ricenti, l-imputat cahad li l-firma fuq il-kambjala in kwisjtoni kienet tieghu.

Illi wara li l-Ufficjal Prosekutur l-illum Deputat Kummissarju Carmelo Magri baghat ghall-imputat u rrilaxxa stqarrija, gew intavolati l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat fejn l-imputat gie akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: l-ewwel wahda dik ta' gurament falz *ai termini* ta' Artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-tieni wahda dik ta' spergur fi proceduri civili *ai termini* ta' Artikolu 106(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-linja difensjonali da parte tad-difiza kif sollevata fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 351 *et seq.*) fejn id-difiza tikkontendi li l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat hija wahda preskritta u dana ghar-ragunijiet indikati minnha fis-sottomissjonijiet imsemmija.

Illi fil-kawza moghtija fit-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta' omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta' armi".

Illi, tenut kont ta' dan, ghandu jinghad li l-Qorti taqbel mad-difiza meta fis-sottomissjonijiet orali taghha tissottometti li reati in ezami fil-kawza odjerna huma reati istantanji.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghan-Noti ta' Procedura Kriminali (pagna 33 *et seq.*) tal-Profs. Mamo fejn gie ritenut is-segwenti:

> *"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.*
>
> *The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [today Section 692 of Chapter 9 of the Laws of Malta] lays down that in respect of crimes (i.e. not of contraventions), (cfr. "The Police v. Rev. Grazio Grima", Cr. Appeal 30/10/1894) prescription does not run when the offender is unknown. This word "unknown" has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender. […].*
>
> *In Criminal Appeal "Formosa v. Zarb Cousin" Law Reports, Vol. XXV, Pt. LV, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the Prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or Prosecutor alone and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or Prosecutor from these Islands.*

*The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof,* ***does not*** *prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro 26/7/41, because as the Court observed, the rule "contra non valentem agree non currit prescriptio" admitted in Civil Law, did not equally apply in criminal matters" (Cfr. Also Cr. App. Police v. Agius 3/2/47)".* [emfazi mizjuda]

Illi l-Qorti jirrizultalha li l-kawza civili giet intavolata fir-Registru tal-Qorti fis-17 ta' Settembru 1996 u li l-konvenut ossia imputat xehed bil-gurament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Settembru 1996 (*a fol.* 10 tal-process originali [*Envelope Loose*] u *a fol.* 41 tal-process) u d-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa man-Nota ta' Eccezzjonijiet tieghu giet ipprezentata fil-11 ta' Ottubru 1996 (*a fol.* 16 tal-process civili originali [*Envelope Loose*] u *a fol.* 47 tal-process). Kien f'dawn iz-zewg istanzi li l-konvenut ossia l-imputat allegatament halef il-falz jew ta xiehda falza.

Illi anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument **biss**, jigi argumentat li r-reat sar maghruf, per ezempju, meta nghatat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2004 u cioé meta l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li l-konvenut f'dik il-kawza ossia l-imputat fil-kawza odjerna xehed falz jew sahansitra meta s-Sur Gaffiero pprezenta r-rapport tieghu fil-proceduri civili (cioé fis-26 ta' Novembru 1997), skond il-Profs. Mamo, fin-Noti tieghu li gew kwotati hawn fuq, dan il-fatt *per se* ma jwaqqafx it-terminu tal-preskrizzjoni milli jibda jiddekorri. Dak li ghadu kemm inghad inghad biss ghall-grazzja tal-argument peress li l-Qorti tifhem li r-reat/i kien/u diga sar/u qabel u kien/u diga' sar/u maghrufa ghal tal-anqas lill-attur fil-kawza civili meta l-konvenut ossia l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu f'dawk il-proceduri jew meta pprezenta d-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien man-Nota ta' Eccezzjonijiet. Huwa minnu li l-Pulizija ma kienux jafu x'inhu ghaddej fil-procedura civili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, pero' fl-istess mument ma saret l-ebda kwerela lill-Pulizija da parti tal-attur dwar xiehda falza fir-rigward tal-konvenut ossia l-imputat.

Minn harsa lejn ir-reati li qed jigi akkuzat bihom l-imputat fil-kawza odjerna, jirrizulta li l-ghola piena li tista' tinghata hija dik fir-rigward ta' Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn it-terminu ta' preskrizzjoni tal-Artikolu msemmi huwa dak ta' hames snin (u dana *ai termini* ta' Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Ovvjament gialadarba l-azzjoni kriminali odjerna giet intavolata fit-30 ta' Gunju 2004 (fejn l-imputat gie notifikat biex jattendi ghas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2004 (*Vide* riferta pozittiva – *a fol.* 6)) ifisser li t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward taz-zewg reati in kwistjoni kien lehaq iddekorra. Anke kieku wiehed kellu jargumenta, ghall-grazzja tal-argument, li t-terminu ta' preskrizzjoni taz-zewg reati in ezami kellu jibda jiddekorri mill-prezentata tar-rapport tas-Sur Joseph Gaffiero (u cioé fis-26 ta' Novembru 1997) (*a fol.* 30 tal-process civili originali [*Envelope Loose*] u *a fol.* 65 tal-process), kieku xorta wahda jirrizulta li t-terminu ta' preskrizzjoni kien diga' lehaq ghadda sakemm gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ghalhekk f'dan il-kaz jirrizulta li l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kienet wahda preskritta *ai termini* ta' Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet t'hawn fuq, ghar-ragunijiet indikati, wara li rat Artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra l-imputat bhala preskritta u konsegwentement estinta, u b'hekk tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**